MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 303/2002/1

**Joseph Debono**

**vs**

**Dr. Gerard Zammit, fil-kwalità tieghu bhala Direttur, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetà Royal Trading Agency Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Joseph Debono li permezz taghha, wara li ppremetta illi:

Il-Konvenut nomine kien ordna u inkariga lill-esponent, permezz tal-kuntratt datat it-8 ta' Lulju 2000 (Dokument "A"), sabiex jesegwixxi diversi xogholijiet in konnessjoni mal-hanut tal-istess konvenut nomine illi jgib l-isem ta' "Kidzone", Pjazza Antoine De Paule.

Il-konvenut nomine ghad ghandu jhallas bilanc a favur tal-attur, fir-rigward tax-xogholijiet fuq imsemmija u dana fl-ammont hamest elef sebgha mija wiehed u sittin liri Maltin (Lm5761) skond l-anness prospett datat il-11 ta' Settembru 2001 (Dokument "B") oltre l-imghaxijiet kummercjali sal-hlas effettiv.

Ta' xejn illi l-esponent kien interpella lill-konvenut nomine diversi drabi sabiex jersaq ghall-hlas ta' dana l-ammont bilancjali minnu dovut; anke ufficjalment; il-ghaliex l-konvenut nomine baqgha inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talab lill-konvenut jghid ghaliex:

1. M'ghandux jigi kkundannat minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jhallas lill-attur s-somma ta' hamest elef sebgha mija u wiehed u sittin liri Maltin (Lm5761), bilanc ta' somma akbar, prezz ta' xogholijiet esegwiti mill-attur a favur u fuq

inkarigu tal-konvenut nomine skond kif fuq premess bl-imghaxijiet kummercjali sal-hlas effettiv;

2. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-20 ta' Settembru 2001, tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru 2001, kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru u tal-Mandat ta' Qbidipprezentati kontestwalment kontra l-konvenut nomine ingjunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li in forza taghha eccepixxa illi:

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante illi l-attur ma esegwiex l-appalt lilu moghti skond il-ftehim raggunt. Infatti ghamel diversi xogholijiet hziena, ma esegwiex skond ma titlob is-sengha u l-arti u inoltre mhux biss ma spiccax dak li kien miftiehem li kellu jaghmel ai termini tal-ftehim fiz-zmien pattwit izda lanqas ma lestih. Dan in-nuqqas da parte tal-attur ikkrea in-necessità li s-socjetà attrici tikkontratta ma' haddiehor sabiex jitlesta l-appalt u inoltre kkawza danni lis-socjetà konvenuta li ghalihom l-istess attur gia inzamm responsabbli u ghalhekk is-socjetà konvenuta qed tipprevalixxi ruhha mill-azzjoni odjerna u ticcita lill-attur in via rikonvenzjonali.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat il-kontro talba li permezz taghha, l-istess socjetà konvenuta wara li ppremettiet illi:

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante illi l-attur ma esegwiex l-appalt lilu moghti skond il-ftehim raggunt.  Tant hu hekk li l-attur ghamel diversi xogholijiet hziena, lanqas ma esegwieh skond ma titlob is-sengha u l-arti u inoltre ma spiccax dak li kien miftiehem li kellu jaghmel ai termini tal-ftehim u fiz-zmien hemm pattwit.  Dan in-nuqqas da parte tal-attur ikkrea in-necessità lis-socjetà konvenuta sabiex tingaggja lil haddiehor sabiex jispicca l-appalt originarjament moghti lill-attur u inoltre ikkawza danni lis-socjetà konvenuta li ghalihom l-attur gia inzamm responsabbli u ghalhekk is-socjetà konvenuta qed tipprevalixxi ruhha mill-azzjoni odjerna u ticcita lill-attur in via rikonvenzjonali bil-mod li gej.

Talbet illi:

Is-socjetà konvenuta qed tipprevalixxi ruhha mill-azzjoni odjerna u in via rikonvenzjonali ticcita lill-attur u tippremetti is-segwenti:

Billi l-attur gie inkarigat sabiex jesegwixxi ix-xogholijiet imsemmija fil-ftehim esibit mill-attur bil-prezzijiet hemm pattwiti.

U billi l-attur flok esegwixxa ix-xogholijiet kollha li kellu jaghmel naqas milli jesegwixxi certi partijiet li almenu jammontaw ghall-Lm1927.40 u dan kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u inoltre l-attur kien traskurat u non-curanti fl-esekuzzjoni tal-appalt lilu moghti.

U billi l-attur fl-esekuzzjoni tal-appalt tieghu ikkawza diversi danni lill-proprieta tas-socjetà konvenuta.

U billi is-socjetà konvenuta kellha tinkorri fi spejjes zejda da parte taghha sabiex l-istess appalt kellu jigi mitmum u inoltre spicca biex il-hanut tas-socjetà konvenuta infetah tardivament u ghalhekk b'dannu serju ghall-istess socjetà konvenuta. Fil-fatt ai termini tal-ftehim l-attur kellu jlesti il-hanut sat-30 ta' Mejju 2001 liema data giet estisa sat-30 ta' Gunju 2001 pero fil-fatt il-hanut infetah fit-3 ta' Settembru 2001 u dan kollu b'tortijiet tal-attur.

Jghid ghalhekk l-attur, in via rikonvenzjonali, ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tiddikjara li [a] l-attur naqas mill-obbligi tieghu u kien traskurat u non-curanti fl-esekuzzjoni tal-appalt lilu moghti u infatti ix-xoghol lanqas ma tlesta fil-hin pattwit u dan b'tortijiet biss tal-istess attur [b] tiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjetà konvenuta, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi [c] tillikwida id-danni sofferti mis-socjetà konvenuta b'risultat tal-inadempjenza da parte tal-istess attur, [d] tikkundanna lill-attur ihallas lis-socjetà konvenuta l-ammont hekk likwidat in via ta' danni – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat li in forza taghha eccepixxa illi:

It-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonat nomine huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes minn dina l-Onorabbli Qorti, u dana billi kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-eccepjent esegwixxa l-appalt lilu moghti skond is-sengha u l-arti, u fi zmien illi kien gie stipulat mill-istess konvenut rikonvenzjonant nomine.

Jekk kien hemm xi dewmien, dana gie ikkawzat unikament mill-istess konvenut rikonvenzjonant nomine billi kien hemm dewmien sostanzjali da parti tieghu fit-tlestija tal-hanut in kwistjoni inkluzi s-servizzi necessarji teighu, fil-grad illi kien mehtieg sabiex l-eccepjent jkun f'pozizzjoni illi jibda xogholijiet tal-istallazzjoni tieghu.

Parti mix-xogholijiet illi kellhom jigu essegwiti mill-eccipjent ai termini tal-appalt odjern moghti a favur tieghu mill-konvenut rikonvenzjonant nomine, kien jikkonsisti f'diversi xogholijiet mobbli ossia "props" illi gew manifatturati mill-istess eccipjent fil-workshops tieghu izda illi l-konsenja taghhom kienet giet sussegwentement irrifjutata da parti tal-istess konvenut rikkonvenzjonant nomine u dana minghajr l-ebda valida raguni fil-ligi.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mizmuma mill-Qorti diversament presjeduta.

Semghet xhieda viva voce.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet.

Semghet lid-difensuri.

Permezz ta’ din il-kawza l-attur qed jitlob hlas ta’ bilanc ta’ prezz ghal xogholijiet minnu maghmulha fuq inkarigu tal-konvenut, li jsostni li x-xoghol sar hazin u tard. Il-konvenut ressaq ukoll kontro-talba dwar dan u qieghed jitlob danni.

Jirrizulta illi fit-8 ta’ Lulju 2000 il-partijiet ftehmu dwar appalt ghal xoghol relatat ma’ hanut tal-gugarelli “Kidzone” fil-Pjazza Antoine De Paule, Paola. L-ammont komplessiv ghax-xogholijiet kien ta’ Lm17838.80 u fuq dan thallas l-ammont ta’ Lm6900 akkont. L-attur intrabat li jlesti xoghol sal-15 ta’ Novembru 2000, “Provided that the Site is structurally

complete and the services are installed by the end of September, so that we can start to instal by the beginning of October" (ara dokument a fol. 56). Ix-xoghol strutturali dam ma tlesta. Ghalkemm ix-xoghol strutturali kien ghadu mhux kompletat, l-attur beda jhejji xi xoghol ghas-saqaf. F'April beda "assembly" tax-xoghol fuq is-sit. Peress illi nqalghu xi ntoppi, x-xoghol beda jidher li qed itul aktar minn previst. Bdiet issir pressjoni kontinwa fuq l-attur. Il-konvenut beda jissikka lill-attur biex jghaggel u fl-affidavit tieghu (fol. 208) jghid:

*"Minn naha taghna qbilna li nestendu iktar pero' mhux iktar tard minn nofs Awissu 2001".*

Fax mill-project manager David Anastasi tikkonferma dan (ara fol. 167). Fit-23 ta' Awissu 2001, l-istess Anastasi informa lill-attur li kien qieghed jittermina l-kuntratt "with immediate effect".

Il-hanut fetah fl-ahhar ta' Awissu 2001. Il-bilanc tal-hlas baqa' ma thallasx lill-attur.

Il-konvenut jilqa' ghall-kawza b'eccezzjoni li tikkomprendi zewg fatturi: id-dewmien u l-allegazzjoni li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Ghar-rigward tad-dewmien, jirrizulta illi sat-13 ta' Marzu 2001, ix-xoghol strutturali fuq is-sit kien ghadu mhux kompletat.

Jirrizulta li x-xogholijiet strutturali fuq il-fond ma kienx tlesta sa' Settembru 2000. Mal-ewwel deher li ser ikun hemm

dewmien ta’ 27 gimgha.  Sadanittant l-attur kien qieghed jibni x-xoghol fl-imhazen tieghu.  Il-konvenut, mandankollu, ma bediex izomm mal-programm ta’ pagamenti li kien intrabat bih fil-ftehim originali.  Sa Marzu 2001 ix-xoghol strutturali kien ghadu ma tlestiex.  Madankollu f’April l-attur beda jiehu x-xoghol bicca bicca fuq il-post u beda jistalla x-xoghol.  F’Lulju, l-project manager David Anastasi talab lill-attur jesegwixxi xoghol li ma kienx originarjament ordnat.  Sat-12 ta’ Awissu 2001, kien gie stallat kollox fuq is-sit.  Madankollu, kien ghad fadal xi “snags” li kellhom jigu rrangati.  Madankollu, l-pagament li jmiss dovut f’dak l-istadju ma thallasx.  Anzi, gie ordnat xoghol iehor.

Il-Qorti ezaminat minuzzjozament il-korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet tul il-progett kollu u ma tasalx ghall-konkluzjoni li l-attur kien jahti ghal xi dewmien irragonevoli.  Fic-cirkostanzi, meta l-bini dam ma tlesta u ghalhekk kollox waqa lura, ma jistax wiehed jitfa’ t-tort kollu fuq l-attur ghaliex dan inzerta kien l-ahhar kuntrattur li kellu jahdem qabel ma jinfetah il-hanut.  Jidher li fl-assjem tar-ritard kollu, l-aspett finanzjarju beda jiehu xejra serja u l-Qorti tifhem li kien minhabba f’hekk li saret il-pressjoni kollha fuq l-attur, li din il-Qorti ma tistax tqis li jahti.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll it-tieni aspett tad-difiza tal-konvenut li jsostni li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.  Il-principji legali fil-kuntest ta’ kwistjoni ta’ din ix-xorta gew ampjament elenkati mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza Darmanin vs Agius (6 ta’ Ottubru 2004), li ghaliha l-Qorti qeghda taghmel pjena referenza.

Fil-kaz in ezami mill-provi kollha prodotti qatt ma jirrizulta li qatt sar x'ilment dwar il-kwalità tax-xoghol. Sa minn zmien twil qabel ma beda jigi stallat ix-xoghol fil-hanut, David Anastasi kien izur il-workshop tal-attur u japprova x-xoghol li kien qed isir (ara fol. 119). Anki l-konvenut stess gie li zar il-workshop u approva. Il-Qorti tinnota illi ghalkemm kienet issir hafna komunikazzjoni permezz ta' "faxes" bejn l-attur u l-project manager, qatt ma tqajjem ebda lment dwar kwalità.

L-unika xhud tressaq biex jixhed dwar il-kwalità tax-xoghol kien Domenic Aquilina impjegat tal-Water Services li wkoll jahdem fl-injam. Dan jammetti li ma kellu ebda idea x'kien gie miftiehem. Huwa jsostni li xi strutturi ma kienux jifilhu l-piz li kien ser jitqiegħed fuqhom. Madankollu jirrizulta li flok id-disa' xkafef originarjament mahsuba, l-konvenut pogga ghoxrin wahda. L-istess ghall-istruttura li originarjament kellha tiflah tlett T.V's ta' 14-il pulzier. Pero' l-konvenut ried iqieghed fuqha akwarrju u zewg T.V's ta' 21 pulzier. Ukoll, l-attur qatt ma kien gie mitlub jaghmel kxaxen. Ghalhekk ma jistax jinzamm responsabbli ghal xoghol ta' kxaxen maghmula hazin jekk dawn ma ghamilhomx hu.

Fuq kollox wiehed ma jistax jinjora l-fatt li l-hanut fetah biss jiem wara li gie terminat unilateralment il-kuntratt da parti tal-konvenut. Fic-cirkostanzi ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni tal-konvenut.

Il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti rigward it-talbiet u l-eccezzjonijiet maghmula fil-kontro-talba huma essenzjalment l-istess bhal dawk maghmula fir-rigward tal-kawza originali. Din il-Qorti tirreferi ghalihom, u dan sabiex tigi evitata ripetizzjoni inutili.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' l-ewwel talbiet tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' €13,423.13c (tlettax-il elf erba mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tlettax il-centezmu tal-ewro) ekwivalenti ghal Lm5761, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fic-citazzjoni.

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kontro talba billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat, u tichad it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant.

L-ispejjez jithallsu kollha minn Dr. Gerard Zammit ghan-nom u in rapprezentanza ta' Royal Trading Agency Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------